**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 467/2011**

**Illum: 24 ta' Marzu, 2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Eric Zammit**
**(ID 223486(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Eric Zammit ta' 25 sena, iben Carmelo u Maria Theresa nee` Spiteri, imwieled Pieta` fis-16 ta' Mejju 1986, residenti Nru. 33, 'Id-Dura', Triq l-Assedju l-Kbir, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` numru 223486(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Gunju 2011 u l-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu,
liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Qieset ghal fini ta' piena, illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi huwa rregistra din l-ammissjoni wara li l-

Prosekuzzjoni diga` kienet ghalqet il-provi taghha u fl-istadju ghalhekk tal-provi tad-difiza, wara li diga` kienu nghataw tliet differimenti sabiex id-difiza tressaq il-provi taghha. Qieset ukoll illi ma jistax jinghad illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, mil-liema fedina penali jirrizulta illi l-imputat gie kkundannat dwar reati taht il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar pussess semplici ta' droga fi tliet okkazzjonijiet, liema reati sehhew fis-snin 2003 u 2005. Dwar dawn l-ahhar reati l-imputat dejjem inghata liberazzjoni kundizzjonata.

Qieset ukoll is-serjeta` tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu ossia illi skont ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-imputat instab fil-pussess tat-tliet iqratas kontenenti d-droga eroina (fuq il-persuna tieghu) u bicca raza tal-*cannabis* (li nstabet f'kexxun fil-komodina fil-kamra tas-sodda tieghu) u illi skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[1], fuq l-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella fit-tliet iqratas imsemmija, instabet is-sustanza eroina, il-piz tat-trab kien ta' 1.24 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 28%. It-tliet iqratas in kwistjoni kellhom is-segwenti piz: 0.38 grammi, 0.45 grammi u 0.41 grammi rispettivament. In oltre fuq estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella (li nstabet fil-kamra tas-sodda tal-imputat), instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* ossia sustanza li tigi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz ta' din is-sustanza kien ta' 0.57 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6%.

Qieset ukoll illi ghalkemm instabet is-somma ta' erba' mija, hamsa u sittin Euro (€465) fi flus kontanti fil-vettura tal-imputat, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija dwar dan il-kaz, ma kien hemm xejn li jindika li dawn il-flejjes kienu gejjin mill-bejgh ta' droga, izda illi waqt l-istess investigazzjoni, kien irrizulta illi dawn kienu jirrigwardaw hlas ta' citazzjonijiet pendenti fuq vettura.[2] Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami[3], fil-fatt, l-Ufficjal Prosekutur spjega illi kemm l-imputat, kif ukoll Glenn Paul Camilleri – ossia l-persuna li kienet giet arrestata flimkien mal-imputat odjern wara li dawn gew innotati jaghmlu kuntatt ma' xulxin – kienu qalu illi huma kienu ltaqghu ghaliex l-imputat kellu jghaddi xi flus lil Camilleri wara li dan tal-ahhar xtara minghand jew partat vettura mal-imputat jew ma' missier l-imputat, fuq liema vettura kien hemm diversi citazzjonijiet pendenti. Glenn Paul Camilleri baqa' ma xehedx f'dawn il-

[1] Din tinsab esebita a fol. 84 sa 96 tal-process.
[2] Ara l-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Novembru 2016, a fol. 129 tal-process.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 7 sa 13 tal-process.

proceduri u ghalhekk din hija xhieda fuq kliem haddiehor. Ghalkemm ma tistax tqis dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar dan il-kliem bhala konferma tal-veracita` taghhom, biss il-Qorti tista' tqis illi tali kliem intqal u jidher illi dan il-kliem jikkorrobora wkoll il-verzjoni li ta l-imputat lill-istess Ufficjal Prosekutur *a tempo vergine* ossia illi l-flejjes misjuba fil-vettura tieghu kienu intizi sabiex jithallsu xi citazzjonijiet. Huwa minnu wkoll illi l-fatt illi dawn il-flejjes kienu intizi sabiex jithallsu xi citazzjonijiet ma jeskludix li l-provenjenza taghhom kienet mill-bejgh tad-droga. Biss m'hemmx prova fl-atti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi tali flus kienu hekk provenjenti. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti m'hijiex ser tordna l-konfiska taghhom.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena ta' multa tassattivament applikabbli fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u l-piena ta' multa li qeghda tigi applikata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' **tmien (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, l-istess somma jew kwalunkwe bilanc rimanenti jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tmienja u ghoxrin Euro, hamsa u erbghin centezmu (€228.45) u l-ispejjez relatati mal-inkarigu tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco, ammontanti ghas-somma ta' seba' mija, sebgha u disghin Euro u seba' centezmi (€797.07). B'kollox ghalhekk il-hati qed jigi kkundannat sabiex ihallas is-somma ta' elf, hamsa u ghoxrin Euro, tnejn u hamsin centezmu (€1025.52), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet snin mil-lum. Fin-nuqqas, tali somma tigi konvertita fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tat-tliet *mobile phones* esebiti bhala Dokument JF favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt illi tordna r-rilaxx tas-somma ta' erba' mija, hamsa u sittin Euro (€465) esebita bhala Dokument JF3 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JF1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat